MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 2311/2003

**Pater Finance Co. Ltd**

**Vs**

**Martin Bezzina u martu Josephine Bezzina**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Novembru, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' seba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm723) rappresentanti l-import ta' tmien kambjali, wahda ta' Lm65 (bilanc) u sebgha ta' Lm94 il-wahda, debitament accettatti u skaduti minn April 2003 sa Novembru 2003 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri 1 sa 8 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz u bl-imghax legali mill-

iskadenza ta’ kull kambjala li sas-16 ta’ Novembru 2003 jammontaw ghal Lm23, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta Josephine Bezzinaipprezentata fit-3 ta’ Dicembru 2003 fejn hija eccepiet illi permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni datat 9 ta’ Ottubru 2002 fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella il-konjugi Martin u Josephine sseparaw filwaqt li inter alia ftehmu (klawsola 6c) li Martin Bezzina jassumi unikament u esklussivament il-bilanc tal-prezz tal-Fiat Brava (MGD621) u jezonera lil mara Josephine Bezzina minn kull responsabbilta’ ghal hlas ta’l-istess u izommha idennizzata f’kaz li tigi kostretta thallas dan id-debitu jew parti minnu.

Ra illi l-konvenut Martin Bezzina fis-seduta tad-9 ta’ Jannar 2004 ammetta t-talbiet attrici ghal dak li jirrigwarda sehmu minn dan l-ammont.

Ra illi ghalkemm inghatat diversi opportunitajiet, l-attrici naqset li tipprezenta l-kuntratt tas-separazzjoni li ghalih taghmel referenza fir-risposta taghha, kif ukoll naqqset li tidher meta giet ingunta sabiex tixhed in subizzjoni.

Sema ix-xhieda ta’ Marcel Avellino, credit controller mas-socjeta attrici li ikkonferma bil-gurament illi l-konvenuti naqqsu li ihallsu l-kambjali mertu tal-kawza, esebiti ma’l-avviz tat-talba u ikkonferma inoltre illi l-istess socjeta attrici qatt ma giet infurmata illi l-konvenuti kienu isseparaw legalment.

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Marzu 2004, fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza wara illi l-konvenuta regghet inghatat l-opportunita li tipprezenta kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni indikat minnha fir-risposta taghha.

Ikkunsidra,

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta’ kambjali iffirmati kemm mill-konvenut Martin Bezzina kif ukoll mill-konvenuta Josephine Bezzina u dana skond kif jirrizulta

mill-kambjali stess esebiti u immarkati bhala Dokumenti 1 sa 8 annessi ma'l-avviz.

Illi n-natura guridika tal-kambjala hija tali illi ma'l-iffirmar ta'l-istess hija tassumi karattru indipendenti u awtonomu min-negozju guridiku illi ikun ta' lok ghat-twelid tal-kambjala. Il-kambjala huwa kuntratt fih innifsu separat u distintt mill-*causa-obligationis* li jinsab abbazi taghha. Malli l-partijiet jiffirmaw dik il-kambjala, huma ikunu qeghdin jassumu d-dejn indikat fl-istess.  F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Marzu 1989 fl-ismijiet "John Mary Sammut vs Michael Cassar", il-Qorti stqarret:

"Illi generalment il-kawza guridika tal-kambjala jkollha l-fundament u l-origini taghha minn obbligazzjoni kontrattwali li tkun pprecedieta jew saret simultanjament mal-kambjala – f'dan il-kaz jidher illi din l-obbligazzjoni originali tnisslet mill-bejgh ta' karozza mill-attur lill-konvenut. Izda, kif inhu risaput dik il-kawza guridika originali tassumi karattru iehor u indipendenti malli l-kambjala konsegwenzjali tigi iffirmata, u b'konsegwenza ta' dik il-firma titwieled kawza guridika gdida, li l-ligi tidentifika mal-firma li tkun saret fuq il-kambjala, f'dan il-kaz mal-firma tal-konvenut li accetta l-kambjali."

Illi ghalhekk hekk kif iz-zewg konvenuti iffirmaw il-kambjali mertu ta' din il-kawza, huma assumew id-dejn li kien hemm inkorporat fihom u dana indipendentement min-negozju tax-xiri tal-vettura li jidher li abbazi tieghu inharrgu il-kambjali mertu tal-kawza.

Illi l-konvenuta tikkontendi illi hija ma ghandhiex thallas l-ammont mitlub mis-socjeta attrici f'din l-istanza u dana peress illi allegatament fil-kuntratt tas-separazzjoni fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella tad-9 ta' Ottubru 2002, u precisament fil-klawsola 6c id-dejn li kien ghad hemm pendenti fuq il-vettura tal-marka Fiat Brava gie assenjat lill-konvenut. Dana il-kuntratt ta' separazzjoni baqa' qatt ma gie pprezentat mill-konvenuta.

Illi jirrizulta bhala fatt mhux ikkontestat illi l-kambjali gew iffirmati kemm minn Martin Bezzina kif ukoll minn

Josephine Bezzina. Mix-xhieda ta’ Marcel Avellino jirrizulta inoltre, illi wara li gie iffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni, l-konvenuta qatt ma infurmat lis-socjeta attrici dwar dan u tallbet li tigi mehlusa mill-hlas tal-kambjali.

Il-kuntratt iffirmat bejn il-konvenuti huwa *res inter alios acta* ghalihom u li s-socjeta attrici ma kenitx tifforma parti mill-istess. Kwindi l-istess socjeta ma hijiex marbuta bl-ebda mod mal-ftehim li sar bejn il-konvenuti. Il-kambjali ghadhom jezistu bhala kuntratt fihom infushom iffirmati miz-zewg konvenuti u kwindi r-responsabbilta’ ghal hlas ta’l-istess ghadu jinkombi fuqhom it-tnejn.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal, filwaqt li jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici, s-somma ta’ seba’ mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm723), bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sas-16 ta’ Novembru 2003 jammontaw ghal Lm23, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv, u dana b’riserva ghal kwalsiasi azzjoni spettanti skond il-ligi lill-konvenuta Josephine Bezzina kontra l-konvenut l-iehor Martin Bezzina.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-mandat ta’ qbid ipprezentat kontestwalment ma’l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------